

## DEĊIJONIJIET

### DEĊIJONI TAL-KUNSILL 2013/269/PESK

tas-27 ta' Mejju 2013

**li tawtorizza lill-Istati Membri biex jiffirmaw, fl-interessi tal-Unjoni Ewropea, it-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 114 u 207(3) flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fil-11 ta' Marzu 2013, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tinnegozja t-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi fil-qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar dawk il-kwistjonijiet li jaqgħu fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni.
- (2) Fit-2 ta' April 2013, l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti adottat it-test tat-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi. L-Assemblea Ġenerali wkoll talbet lis-Segretarju-Ġenerali, bħala d-depożitarju tat-Trattat, biex jiftħu għall-iffirmar fit-3 ta' Ġunju 2013 u appellat lill-Istati kollha biex jikkunsidraw li jiffirmawh u konsegwement, fkonformità mal-proċessi kostituzzjonali rispettivi tagħhom, isiru Partijiet għat-Trattat fid-data l-aktar kmieni possibbli.
- (3) L-għan tat-Trattat huwa li jistabbilixxi l-ogħla standards internazzjonali komuni possibbi għar-regolamentazzjoni jew għat-titjib tar-regolamentazzjoni tal-kummerċ internazzjonali tal-armi konvenzjonali, biex ikun prevenut u jiġi eradikat il-kummerċ illeċitu tal-armi konvenzjonali u biex tkun prevenuta d-devjazzjoni tagħhom. L-Istati Membri esprimew is-sodisfazzjon tagħhom bl-eżitu tan-negożjati u wrew ir-rieda tagħhom li jiproċedu b'mod urġenti għall-iffirmar tat-Trattat.
- (4) Uħud mid-dispożizzjonijiet tat-Trattat jikkonċernaw materji li jaqgħu fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni

billi jaqgħu fl-ambitu tal-Politika Kummerċjali Komuni jew jinċidu fuq ir-regoli tas-Suq Intern għat-trasferimenti ta' armi konvenzjonali u splassivi.

(5) L-Unjoni Ewropea ma tistax tiffirma t-Trattat, billi huma l-Istati biss li jistgħu jkunu Partijiet għalih.

(6) Għalhekk, b'konformità mal-Artikolu 2(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, fir-rigward ta' dawk il-materji li jaqgħu fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni, il-Kunsill għandu jawtorizza lill-Istati Membri biex jiffirmaw it-Trattat fl-interessi tal-Unjoni,

**ADOTTA DIN ID-DEĊIJONI:**

#### *Artikolu 1*

Fir-rigward ta' dawk il-materji li jaqgħu fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni, l-Istati Membri huma b'dan awtorizzati jiffirmaw it-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi fl-interessi tal-Unjoni.

#### *Artikolu 2*

L-Istati Membri huma mħegħġa jiffirmaw it-Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi fiċ-Ċeremonja Solenni fi New York, fit-3 ta' Ġunju 2013, jew fid-data l-aktar kmieni possibbli.

#### *Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Mejju 2013.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. ASHTON